ROYAL … MALTA MAIN LIBRARY



# Kif bdiet u Mxiet l-Akkademja tal-Malti

**Tagħrif Miġbur minn G. ZARB ADAMI**

WARA S-SEJHA ta' Franġisk Saverju Caruana, meta ngħaqdu 36 kittieba tal-Malti, huma għarfu li l-bażi ta' kull ftehim kellu jkun alfabet wieħed li bih jinqeda kulħadd u hekk jitneħħa min-nofs, darba għal dejjem, it-taħwid li kien qed iżomm lura l-iżvilupp ta' l-Ilsien Malti bħala lsien letterarju; għalhekk ma jkunx barra minn loku jekk nagħtu ħarsa fuq fuq, u kemm jista' jkun f'ordni kronoloġiku lill-antenati ta' l-alfabet li ħa l-isem ta' l-Alfabet tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u li mill-1934 sar l-alfabet uffiċjali li bih għandu jinkiteb il-Malti; anzi, mill-indipendenza ta' Malta 'l hawn meta l-Malti sar uffiċjalment l-Ilsien Nazzjonali, l-alfabet tagħna ħa importanza wisq akbar, billi bih, għall-anqas fil-pubbliku, jinqdew il-kittieba kollha, jinkitbu d-dokumenti kollha tal-Gvern, u bih jinkitbu l-gazzetti kollha minkejja xi nuqqasijiet li jweġġgħulek qalbek u li l-iskejjel għandhom jieħdu passi biex ma jħallux aktar isiru:

1739. Bonelli Luigi — Il Dialetto Maltese

1750. Agius de Soldanis jew Kan. Gan Pietru — Nuova Scuola di Grammatica della Lingua Punica, presentemente usata dai Maltesi.
Franġ. Sultana — Damma ta'-Kliem Kartaġiniż imxerred fil-fomm tal-Maltin u Għauċin. mss. miktub bil-morfoloġija taljana.

Agius de Soldanis kien l-ewwel Librar tal-Biblijoteka.

Vassalli jgħid li de Soldanis ma kellux bażi soda ta' l-ilsna semin, u għalhekk ma mexiex ma' l-istruttura tal-grammatika għarbija; il-kliem li hu kien ħaseb ġej mill-Kartaġiniż mhux żgur hu hekk — dan hu żball, skond Vassalli, li wieħed seta' jieħu faċilment, billi l-ilsna semin, l-Ebrajk, is-Sirijaku, l-Għarbi u l-Malti huma ta' l-istess nisel.

? Kav. Thezan — Grammatika Maltija; Dizzjunarju Taljan — Malti

f'dawn ix-xogħlijiet l-awtur jinqeda bi ħżuż ta' l-alfabet għarbi.

1790. Vassalli Mikiel Anton kien l-ewwel wieħed li għal kull leħen għażel u sawwar ittra waħda, skond ix-xeħta ta' l-Ilsien Malti li n-nisel tiegħu hu mill-ilsna tal-lvant.

1790. Alfabeto Maltese — Alfabeto Maltese — Ruma

1791. Mylsen Phoenico — Punicum sive Grammatica Melitense Ruma

1796. Lexicon Melitense — Latino — Italiano.

1822. Canolo Giuseppe Marino — Evanġelji u Atti ta' l-Appostli — Londra.

1824. Vella Francis u Montebello Pulis Gius. — Ctieb il-Kari.
1827. Vassalli M.A. — Grammatica della Lingua Maltese 2a Ediz. Malta. — F'din il-grammatika Vassalli biddel xi ittri mixxogħlijiet tiegħu ta' qabel u bena r-regoli grammatikali aktarx fuq dawk tal-grammatika għarbija.
1827 - 31. Zerafa Dr Stefano — Flora Melitensis Thesaurus. — Alfabet fonetku ġdid.
1828. Vassalli M.A. — Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi. — Il-kliem malti miktub fuq ir-regoli tal-grammatika tal-1827.
1828. Soave P.F. — Trattati fuq l'oblighi tal bniedem.
1829. Vassalli M.A. — Quatuor Evangelia. — Miktubin skond il-grammatika tal-1827.
1829. Bellanti Giuseppe u Bellanti Luigi — Avvertimenti per la restaurazione della lingua maltese.
1831. Vella Francis — Maltese Grammar
1838. Vella Francis — Abbeċedarju.
1838. Trapani G. — Catalogue of different fish in Malta and Gozo — miktub bl-ittri rumani u neshki.
1839. Cumbo Dr. Salvatore — Piano di Pubblica Istruzione. — miktub b'ittri rumani u żieda ta' ittri oħra.
1840. Societa Medica. — (Dr Zerafa ippropona lis-Societa li tuża l-Alfabet li kien inqeda bih hu fl-1827 - 31)
1840 - 43. Societa Filologica Maltese Accademia Filologica — Harġet alfabet jixbah lil dak tat-Taljan; dan l-alfabet beda jintuża fl-iskejjel tal-gvern fl-1850 — ara ċ-ċirkolari tal-1932.
1841. Badger George Percy — On the Eligibility of Maltese as a Medium of Instruction.
1842. Vella Francis — Dizionario Portatile delle Lingue Maltese, Italiana, Inglese — Breve cenno sull' ortografia maltese. — Livorno.
1845. Society for the promotion of christian knowledge.
Harġet l-evanġelji ta' Vassalli f'alfabet aktar sempliċi.
1845. Falzon G.B. — Dizionario Maltese-Italiano-Inglese — 1a. Ediz. Malta.
Il-Malti miktub b'alfabet fonetku b'ittri mlaqqtin mill-alfabet tal-Accademia Filologica u minn dawk użati minn Vassalli; dan l-alfabet użah Falzon biss.
1845. Panzavecchia Kan. F., Direttur tal-Iskejjel Primarji. — Grammatica della Lingua Maltese.
1850. Beda jintuża fl-Iskejjel tal-Gvern l-alfabet tal-Accademia Filologica.
1850. Falzon G.B. — Guida alla Conversazione.

1850. Panzavecchia Kan. F. — Gazzetta: Iż-Żmien il-Mirbuħ.
1850-61. Falzon G.B. — Kotba reliġjużi u skolastiċi — miktuba bl-alfabet tal-Accademia Filologica.
1853. Grech Delicata J.C. — Flora Melitensis. — miktub bl-alfabet ta' Dr. Zerafa.
1860. Vassallo Prof. G.A. — Il-kitba tiegħu għandha xejra letterarja u hi ta' siwi kbir għall-iżvilupp letterarju malti. Vassallo weża l-alfabet tal-Accademia Filologica.
1882. Twaqqfet ix-Xirka Xemia li kellha ħajja qasira, imma laħqet fasslet alfabet fonetku b'29 ittra u bdiet toħroġ ġurnal: Is-Sebħ.
14.11.1882. Sigismondo Savona, Direttru tal-Istruzzjoni Pubblika daħħal fl-Iskejjel tal-Gvern l-alfabet tax-Xirka Xemia li kien mibni fuq prinċipji fonetiċi sodi, kif ukoll sħaħ kienu r-regoli tal-Ortografija.
Il-Kummissjoni mwaqqfa mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti biex issawwar alfabet u grammatika nqdiet bix-xogħol tax-Xirka Xemia, imma sewwiet xi rqaqat; il-Kummissjoni studjat ukoll fost xogħlijiet oħra, dawk tal-Accademia Filologica u ta' Panzavecchia, kif ukoll u qabel kollox il-grammatika ta' Vassalli — edizjoni tal-1827.
1882. Falzon G.B. — Dizionario Maltese-Italiano-Inglese — Breve esposizione grammaticale della lingua maltese 2a Ediz. Malta.
1882. Falzon G.B. — Dizionario Italiano-Inglese-Maltese 1a. Ediz. Malta.
1883. Preca A. — Alfabet Fonetku (jiġifieri l-Alfabet tax-Xirka Xemia)
1883. Preca A. — L-Ewwel Ktieb tal-Qari.
1885. Preca A. — Żieda.
1885. Mamo S. — English Maltese Dictionary (Alfabet tax-Xirka Xemia).
Ferris Kille — Qari Malti (Alfabet tax-Xirka Xemia)
Tagħlim ġdid u ħafif tal-Lsien Ingliż.
1888. L-Alfabet tax-Xirka Xemia tneħħa minn l-Iskejjel tal-Gvern u minn floku reġa' daħal dak tal-Accademia Filologica.
1891. Falzon G.B. — Dizionario Inglese-Italiano-Maltese 1a. Ediz. Malta (mill-ittra A sal-ittra C)
1893. Kumitat tal-Kittieba tal-Malti (Xirka ta' Napuljun Taglaferro) Ħsieb: li jitfassal Alfabet aktar popolari minn dak tax-Xirka Xemia — iżda l-ħsieb ma mexxiex.
Membri: Ġanni Vassallo, Ninu Muscat Fenech, A.E. Caruana, Kille Ferris, Ġuże Muscat Azzopardi.
1894. Falzon G.B. — Collection of Coloquial Phrases (Alfabet fuq

ta' Vassalli)

1900. Taglaferro Nap. — Annotazioni sulle particolarità fonologiche e grammaticali del linguaggio maltese. mss.

1900. Busuttil Vincenzo — Diziunariu mill Inglis għal Malti Diziunariu mill Malti għal Inglis (miktubin bl-Alfabet tal-Accademia Filologica).

1901. Vassallo Ġanni — Muftieħ tal-Chitba Maltija

1903. Caruana Ant. Emle. — Vocabolario della lingua maltese — preceduto da un compendio di grammatica della stessa favella. Malta.

1904. Preca Annibale — Malta Cananea, ossia Investigazioni filologiche — etimologiche nel linguaggio maltese. (il-kliem malti miktub bl-Alfabet tax-Xirka Xemia).

1906. Caruana Ant. Emle. — Sull'Origine della Lingua Maltese — Studio Storico, Etnografico e Filologico. Malta.

1906. Magro Prof. E. Rettur tal-Universita. — English Maltese Dictionary (mill-ittra A sal-ittra L) Malta.

1911. IL-HABIB — Ġurnal tal-Unione Cattolica San Giuseppe, Valletta — kienu jiktbu fih xi 20 ruħ b'xejra letterarja; fih, fil-21 ta' Settembru, 1920, saret is-sejħa ta' Franġisk Saverju Caruana li tat bidu tal-Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti).

1915. Taglaferro Nap. — L'Elemento Neo-Latino nel Lessico Maltese . — Malta.

1920. Xirka Filoloġika Letterarja.

1920-1921. Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

1921. Vassallo Ġanni. — L-Orografija Maltija mss.

1921. Cremona Ant. — Compendio sulla ortografia razionale del Dialetto Maltese. mss.

18.12.1921. Abbozz ta' l-Alfabet imressaq mill-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti quddiem il-Laqgħa Ġenerali, u li għadda bit-tibdil ta' żewġ ittri.

1922. Vassallo Ġanni — L'Ortografia Maltese mss.

1924. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. — Tagħrif fuq il-Kitba Maltija — Stamperija tal-Gvern, Malta.

1925. Marzu - L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. — Bidu tal-ħruġ tal-organu tagħha: IL-MALTI.

1928. Vassallo Ġanni — Ortografia Maltese — mhux bl-alfabet tal-Għaqda.

1929. Cremona Antonio — A Manual of Maltese Orthography and Grammar (mhux bl-alfabet tal-Għaqda).

5.12.1929. Talba lill-Gvern biex jagħraf uffiċjalment l-Alfabet u l-

Ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
1931. Vassallo Ġanni. — It-Tieni Muftieħ tal-Chitba Maltija. (mhux bl-alfabet tal-Għaqda).
6.9.1932. Ċirkolari tad-Direttur tal-Iskejjel Elementari fuq ordni tal-Ministru, Enrico Mizzi sabiex il-Malti jinkiteb u jkun mgħallem b'mod li jservi għat-tagħlim tat-Taljan.
1.10.1932. Protesta qawwija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kontra ċ-ċirkolari tas-6 ta' Settembru, 1932, tad-Direttur tal-Iskejjel tal-Gvern.
1.4.1934. Il-Gvern jagħraf uffiċjalment l-Alfabet u l-Ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; b'din is-sistema jibdew jinkitbu bil-Malti d-dokumenti uffiċjali: il-Malti sar l-Ilsien Uffiċjali tal-Qorti, bdew jinkitbu bih l-atti notarili, daħal fil-Parlament u... fil-knejjes tagħna.
1935. Marzu. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija I — mibni fuq it-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.
1936. Sutcliffe Edmund F., Ġeżwita Ingliż. — A Grammar of the Maltese Language. Oxford, England.
1938. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II 1 Ediz. Malta.
1941. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II 2 Ediz. Malta.
1959. Aquilina Joseph, Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Univ. Rjali ta' Malta. — The Structure of Maltese.
1961. Aquilina Joseph Professur. — Papers in Maltese Linguistics.

**(Jissokta)**